

Brussell, 9 ta' Lulju 2019
(OR. en)

11020/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0147(NLE)**

**AVIATION 153
CHINE 7
RELEX 695**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	9070/18
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru – Talba mill-Kunsill għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. F'Ġunju 2003, il-Kummissjoni ngħatat mandat skont liema l-Kummissjoni tista' tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina bil-ħsieb li jgħib il-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar l-avjazzjoni tal-Istati Membri mar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Il-Ftehim ta' hawn fuq huwa r-riżultat tal-imsemmija negozjati.
2. Fis-17 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (9069/18 u 9070/18 rispettivament).
3. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, min-naħa l-oħra, ġiet adottata mill-Kunsill fis-26 ta' Ġunju 2018. Il-Ftehim ġie ffirmat fl-20 ta' Mejju 2019, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

4. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fil-21 ta' Awwissu 2018¹.
5. Bil-ħsieb tat-tnejja għall-konklużjoni tal-Ftehim, il-Coreper huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif jinsab fid-dokument tal-ġuristi lingwisti 11033/19, kif ukoll it-test tal-Ftehim li jinsab fid-dokument tal-ġuristi lingwisti 9685/18, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

¹ ĠU L 210, 21.8.2018, p. 1